**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru: 75/2016 SG**

**Domenic Zammit**

**vs**

**Francene Cini**

**Illum l-Erbgħa, 13 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ta' Domenic Zammit tal-20 ta' Settembru 2016 fejn gie premess li:

1. *Illi permezz ta' kuntratt ta' kompravendita datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) fl-atti tan-Nutar Marioa Grech l-attur akkwista il-fond Flat 2, Port Mansions, Triq is-Sajjied, Marsalfon, Għawdex;*

2. *Illi wara l-akkwist ta' dan il-fond, l-attur kien daħal f'relazzjoni barra miż-żwieġ mal-konvenuta Francene Cini u għal numru ta' snin baqgħu jgħixu f'dan l-imsemmi fond;*

3. *Illi illum din ir-relazzjoni spiċċat iżda minkejja dan, Francene Cini baqgħet tabita fl-imsemmi fond propjeta' tal-attur u minħabba r-rifjut ta' Francene Cini li toħroġ minn dan il-fond, l-attur ġie kostrett hu li joħroġ minn ġo ħwejġu u jmur jabita band'oħra;*

4. *Illi llum Francene Cini qegħda tokkupa dan il-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi. Illi l-attur irid illi l-konvenuta tiġi żgumbrata minn dan il-fond li għandu jirritorna għad-dispożizzjoni tiegħu;*

5. *Illi din l-kawża qed issir u qed tiġi konfermata bil-ġurament mill-attur Domenic Zammit li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawża.*

*Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

1. *Tiddikkjara illi hija qed tokkupa l-fond Flat 2, Port Mansion, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Għawdex, mingħajr titolu validu fil-liġi;*

2. *Tordna lil konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti tiżgombra mill-imsemmi fond.*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi u bl-inġunzjoni tal-konvenuta minn issa għas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Francene Cini ppreżentata fit-23 ta' Novembru 2016 li permezz tagħha ġie eċċeppit:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom għalhekk jiġu miċħuda fl-interezza tagħhom bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur;*

2. *llli, in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ illi jiġi spjegat illi ma hijiex l-esponenti waħeda illi qiegħda leġittimament tokkupa l-fond in kwistjoni, u ċioe' Flat 2, Port Mansions, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Għawdex, iżda wkoll iż-żewġ ulied minuri tal-partijiet. Dan qiegħed isir in segwitu ta' Digriet mogħti mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, nhar l-20 ta' April, 2015 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument 'A'), liema Digriet li għadu vinkotanti, fost l-oħrajn, jaqra kif ġej:*

*Kif maqbul bejn il-partijiet fil-verbal tas-17 ta' April 2015 l-omm għandha tgħix mal-minuri fil-fond Flat 2, Port Mansions, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Għawdex, u dan din il-Qorti tordna illi għandu jkun bl-eskluzjoni tal-missier;*

3. *Illi kif jirriżulta mill-istess ċitazzjoni, l-esponenti u uliedha qegħdin jokkupaw l-appartament in kwistjoni mhux biss in segwitu ta' ordni tal-Qorti, iżda wkoll fl-eżistenza ta' ftehim, stante illi kien l-attur stess illi qabel li l-omm u l-ulied għandhom, sakemm jiġu determinati l-proċeduri ta' bejn il-partijiet, jiqbgħu jirrisjedu fil-fond mertu ta' din il-kawża (verbal hawn anness u mmarkat Dokument 'B');*

4. *Ili jemani ukoll, għaldaqstant, illi l-fond in kwistjoni jikkostitwixxi r-residenza unika u ordinarja tal-ulied minuri tal-partijiet, liema punt għandu jkun wieħed kardinali fit-trattazzjoni tal-kawża odjerna. Dan stante illi l-interess prinċipali tal-missier jidher illi huwa dak illi jkollu ritornat għad-disposizzjoni tiegħu l-fond sabiex fih ikun jista' jirrisjedi mas-sieħba l-ġdida tiegħu. L-interess minimu illi għandu fl-ulied u l-benessere tagħhom joħroġ biċ-ċar mill-fatt li fl-ebda punt ma ssemmew fir-rikors ġuramentat tiegħu bħala li jirrisjedu wkoll fl-appartament in kwistjoni, u mill-mankanza totali sa dan l-istadju li jitlob il-kura u kustodja esklussiva tal istess;*

5. *Illi di piu', ma huwiex minnu li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ġiet inizjata wara l-akkwist tal-appartament, iżda pjuttost l-istess relazzjoni kien ilha għaddejja għal xejn inqas minn sitt snin. Di fatti, l-iskop tal-akkwist kien propju illi l-partijiet jixtru l-fond in kwistjoni flimkien, tant illi l-esponenti kienet hija wkoll preżenti għall-kuntratt tal-akkwist. Dan wara illi ż-żewġ partijiet kienu tal-opinjoni li kien ser ikun pass għaqli li jibdew jikkonvivu f'post propjeta' tagħhom iktar milli jissoktaw jabitaw flimkien mal-ġenituri tal-esponenti kif kien qiegħed isir;*

6. *Illi din l-intiża toħroġ ukoll mill-fatt li l-esponenti ffinanzjat il-maġġor parti tal-finishing tal-appartament li kien ġie akkwistat shell form, u għaldaqstant ikkontribwixxiet sostanzjalment kemm finanzjarjament kif ukoll manwalment, liema kontribuzzjonijiet kienu fil-fatt dawk li rrendew il-fond abitabbli. Li kieku dan ma kienx minnu, l-attur ċertament ma kienx ser jaqbel illi l-omm u l-ulied jibqgħu jirrisjedu fil-fond;*

7. *llli kemm-il darba allura, it-talbiet attriċi jigu milqugħa, mhux biss ikun qiegħed jigi skartat id-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, nhar l-20 ta' April, 2015, iżda jkunu qegħdin jiġu injorati l-interessi tal-ulied. Ikun qiegħed jiġi wkoll injorat kwalsiasi investiment illi wettqet l-esponenti, u dan mhux biss f'termini finanzjarji, iżda wkoll l-isforzi kollha minnha eżerċitati sabiex tagħti stabbilita' lill-ulied. Dan sabiex jiġu akkomodati l-interessi kurrenti tal-attur li jmur jgħix fil-fond mertu ta' din il-kawża mas-sieħba l-ġdida tiegħu;*

8. *Illi finalment, u dan mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qiegħda topponi għall-ispejjeż ta' din il-kawża u dana peress illi hija waħda tassew prematura biex ma jingħadx inutli, konsiderando illi hija mhux biss qatt ma ġiet interpellata f'sens relattiv, iżda iktar u iktar illi d-Digriet surreferit għadu viġenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat**

**Domenic Zammit** spjega li huwa ilu jaħdem minn mindu kellu 16-il sena u għandu 36 sena. Spjega li huwa jaħdem f'garaxx li minnu jopera VRT station. Spjega li beda joħroġ ma' Francene Cini meta kienet għadha l-iskola u waqt li kienet l-iskola kienet taħdem il-McDonald's part time. Għamlet sajf taħdem fil-Calypso Hotel bħala waitress. Spjega li Francene mill-bqija ma ħadmet qatt u dejjem għexet fuq benefiċċju soċjali. Il-flus li kien jaqla' mix-xogħol tiegħu kien iġibhom il-flat u jgħaddihom lil Francene sabiex din tużahom għax-xrija ta' kuljum u għall-bżonnijiet ta' l-affarijiet u xogħol ġol-appartament.

Spjega li l-appartament inxtara waqt li kienu f' relazzjoni u ħallsu waħdu bl-għajnuna ta' missieru. Il-kuntratt sar fit-23 ta' Jannar 2006 fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech. Huwa rranġa dan l-appartament minn flusu ħlief għal xi affarijiet li xtrat Francene u li huwa kien dejjem lest li jħallasha. Spjega li Francene qed titlob ħlas ta' oġġetti li l-irċevuti jidhru fuq isimha iżda li tħallsu interament minn flus tiegħu. Fir-relazzjoni li kellhom, twieldu żewġt itfal. Francene bdiet tirrifjuta li toħroġ għaliex qalet li ma kellhiex fejn toqgħod u għalhekk waqt il-medjazzjoni, f'verbal tas-17 ta' April 2015, huwa qabel li pendente lite Francene u t-tfal jibqgħu hemmhekk bil-kundizzjoni li ma jidħol l-ebda raġel ieħor fl-appartament. Din il-kundizzjoni nkisret għaliex l-appartament sar qisu burdell. Il-medjazzjoni ngħalqet fid-19 ta' Jannar 2016 u kawża ma saritx. Sostna li huwa qed jgħix fil-kera ta' €320 fix-xahar. Francene qatt ma kienet martu u għandha proprjeta' tagħha għax fuq Facebook niżżlet.

Domenic Zammit xehed fejn spjega li wara li ngħalqet il-medjazzjoni li tikkonċerna d-digriet in kwistjoni, l-ebda kawża ma nfetħet.

**Francene Cini** xehdet li bejnha u l-attur kien hemm relazzjoni u kellom żewġt ibniet Ylenia u Raisa aħwa Zammit Cini. Spjegat li tul ir-relazzjoni, Domenic Zammit xtara appartament f' Marsalforn u hija ħarġet diversi ammonti minn butha biex arredew dan l-appartament tant li nfetħet kawa fl-ismijiet inversi fejn qed titlob li jiġi likwidat l-ammont relattiv u Zammit jiġi ordnat iħallasha kumens. Sostniet li bejniethom għadhom għaddejjin proċeduri ta' medjazzjoni kif jidher mill-atti għall-ittra bin-numru 84/2016. Dawn il-proċeduri segwew proċeduri wkoll ta' medjazzjoni bl-ittra numru 24/2015 fejn f'digriet fl-20 ta' April 2015 ġie ordnat li hi tgħix ma' wliedha f'dan l-appartament. Sal-ġurnata ta' lum għandhom għaddejin proċeduri ta' medjazzjoni bejniethom u dan id-digriet qatt ma ġie varjat. Sostniet li hija dejjem poġġiet il-ġid u l-interess ta' wliedha qabel kollox.

In kontroeżami, hija spjegat li hemm medjazzjoni fuq tat-tfal. Sostniet li hija għamlet kawża biex jaqsmu l-proprjeta' u l-affarijiet li hemm. Ċaħdet li hija għandha xi proprjeta' oħra f'isimha.

F'dawn il-proċeduri xehdu wkoll in-**Nutar Mary Debono Borg** li ppreżentat MDB1 (l-atti ta' l-ittra 24/2015) u MDB 2 (lista ta' pendenzi li hemm jew kien hemm bejn il-partjiet) u **Andrew Xuereb** in rappreżentanza tal-Housing Authority li ppreżenta dokument mmarkat AX 1. Xehed li Cini ngħatat post tal-kiri fil-Qala b' kuntratt ta' kirja tal-5 ta' Diċembru 2018. Spjega li tkun ġiet imdaħħla applikazzjoni liema appplikazzjoni daħlet fl-24 ta' Settembru 2015. Spjega li ġie ddikjarat minn Cini li ser ser ikolla liż-żewġt itfal jgħixu magħha. Il-kundizzjonijiet fuq dan il-kuntratt huwa li Cini trid tabita ġo dan il-fond. Il-kera tkun waħda sussidjata u tħallas €180 kull tlett xhur. Is-sid jitħallas mill-Awtorita' tad-Djar. Il-prezz kummerċjali li bih qed jitħallas is-sid huwa dak ta' €4,800 fis-sena.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn din il-Qorti tqis li jirriżulta li fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2020 xehdet ir-Reġistratur tal-Qorti fi stadju meta l-provi tar-rikorrenti kienu ġia' magħluqa u r-rikorrenti kien ingħata biss awtorizazzjoni li jressaq rappreżentant tal-Housing Authority. Minkejja dan u għalkemm ir-rikorrenti kellu jitlob awtorizazzjoni qabel ma' jressaq lil din ix-xhud, il-Qorti tqis li għandha tammetti din ix-xhieda mogħtija, stante r-relevanza tax-xhieda kif ukoll stante li fil-mori tas-smigħ, kienu ġia' ġew eżebiti digrieti u verbal fl-atti tal-ittra numru 24/2015.

Fis-smigħ ta' din il-kawża, irriżulta li l-partijiet kienu jikkoabitaw flimkien ġo dan l-appartament li huwa proprjeta' ta' Domenic Zammit, hekk kif jirriżulta mill-att ta' akkwist eżebit f' dawn l-atti. Minn din ir-relazzjoni, il-partijiet kellhom żewġt itfal. L-attur irriżulta li ħareġ mid-dar meta r-relazzjoni kienet spiċċat u għal bidu kien dispost li jħalli lil konvenuta u lil uliedu jgħixtu ġo dan l-appartament għaliex huwa f' dak il-ħin seta' jmur jgħix ma' ommu mentri l-konvenuta ma kellhiex fejn tmur u hu ma xtaqx li wliedu ma jkollhomx fejn joqgħodu. Dak kien li wasal li fl-ittra ta' medjazzjoni li kien hemm pendenti bin-numru 24/2015, huwa kien qabel li l-konvenuta tibqa' hemmhekk ma' wliedhom pendente lite. Sussegwentement, ingħata digriet fl-20 ta' April 2015 fejn il-Qorti ordnat li l-omm u l-minuri jibqgħu jgħixu f' dan il-post bl-eskluzjoni tal-missier. Il-medjazzjoni ta' l-ittra numru 24/2015 ingħalqet fid-19 ta' Jannar 2016 u l-partijiet ġew awtorizzati jipproċedu b' kawża fil-kontenzjuz ai termini ta' l-artikolu 10(1) tal-Avviż Legali 397/2003 fi żmien xahrejn jew perijodu itwal f' każ li jkun hemm raġunijiet gravi u l-qorti tawtorizza tali estensjoni.

Irriżulta mix-xhieda prodotta, partikolarment dik tar-Reġistratur tal-Qorti li ma kien hemm l-ebda talba sabiex jingħata perijodu ta' aktar minn xahrejn u wara li skada dan it-terminu, ħadd mill-partijiet ma pproċeda permezz ta' kawża. Ir-rikorrenti għalhekk qed isostni li d-digriet tal-qorti tal-20 ta' April 2015 li bih ġiet ordnata li l-omm għandha tibqa' tgħix mal-minuri fil-fond mertu ta' din il-kawża tilef kull effett tiegħu fid-19 ta' Marzu 2016.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed isostni li ġialadarba ma saritx kawża fit-terminu konċess mil-liġi, il-konvenuta qiegħda tokkupa dan il-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u għalhekk għandha tiġi żgumbratha minn hemmhekk.

Il-konvenuta fl-ewwel lok, argumentat li l-verbal jorbot lil kontendenti bis-saħħa tal-kważi kuntratt ġudizzjali. F'dan il-każ, madanakollu l-verbal li bih Domenic Zammit kien aċċetta li l-konvenuta tibqa' tgħix ġo dan l-appartament flimkien ma' wliedu, kien speċifikament jgħid li dan qed jiġi konċess *pendente lite.* In fatti, waqt is-smigħ tal-ittra 24/2015, fis-17 ta' April 2015, Domenic Zammit kien ivverbalizza tramite l-legali tiegħu illi hu ma jsibx oġġezzjoni li sakemm jiġu determinati dawn il-proċeduri bil-qorti l-minuri flimkien ma' ommhom jibqgħu jirrisjedu fil-fond proprjeta tiegħu fl-indirizz Flat 2, Port Mansions Triq is-Sajjied, Marsalforn, Għawdex (fol 15). Din il-kawża saret mhux fid-dawl tal-verbal magħmul minn Domenic Zammit fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 24/2015, iżda in vista li sussegwentement ingħata digriet u ġialadarba l-atti tal-medjazzjoni ngħalqu u ma saritx kawża in segwitu għall-istess proċeduri ta' medjazzjoni, id-digriet li ngħata f' dawk il-proċeduri awtomatikament tilef l-effett tiegħu.

Fit-tieni lok, il-konvenuta ma qablitx ma' dak premess mir-rikorrenti u sostniet li dak id-digriet għadu validu filwaqt li għamlet referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Novembru 2008 fl-ismijiet Francis Schembri vs Angiolina Schembri. F' dik il-kawża, kien intqal li:

*"…il-posizzjoni legali korretta hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, is-segwenti. Meta jkun hemm proceduri ta' medjazzjoni, id-digrieti "ancillari" (i.e. dwar manteniment pendente lite, kura u kustodja tat-tfal pendente lite, min ghandu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali pendente lite) jistghu jinghataw mhux biss meta l-process ta' medjazzjoni jkun ghadu ghaddej, izda anke wara li dak il-process ikun inghalaq u wara li jkun inghata d-digriet li bih, fost affarijiet ohra, il-parti li tkun baghtet l-ittra lir-registartur tigi awtorizzata li tipprocedi fil-kontenzjuz. Tali digrieti jistghu jibqghu jinghataw sa ma jiddekorri t-terminu msemmi fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 37 tal-Kap. 16. Wara li jkun skada dak it-terminu – normalment ta' xahrejn, pero` jista' jkun itwal, jew ikun originarjament ta' xahrejn u wara jigi prorogat – ma jkunux jistghu jinghataw aktar digrieti simili fl-atti ta' dik il-medjazzjoni*

*partikolari. Bil-fatt, pero`, li jkun iddekorra l-imsemmi terminu, id-digrieti li jkunu nghataw precedentement ghad-dekors tal-imsemmi terminu ma jitilfux is-sahha taghhom bhala "ordnijiet tal-qorti" – l-unika haga li tigri wara li jiddekorri dak it-terminu hu, kif gustament osservat l-ewwel qorti, li jitilfu l-forza ta' titolu ezekuttiv li nghatalhom bis-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 37. L-istess jinghad ghal digrieti moghtija wara li jkun iddekorra t-terminu: dawn jibqghu "ordnijiet tal-qorti" sakemm ma jigux revokati jew dikjarati nulli minn qorti civili kompetenti. Hekk, per ezempju, digriet moghti fil-mori ta' proceduri ta' medjazzjoni ghall-hlas ta' manteniment pendente lite jibqa' jitqies bhala "ordni tal-qorti" ghall-finijiet ta' proceduri penali li talvolta jistghu jigu istitwiti skond id-disposizzjoni relattiva tal-Kodici Kriminali (Art. 338(z), Kap. 9), sakemm dak id-digriet ma jigix revokat mill-qorti kompetenti (normalment l-istess qorti ta' kompetenza civili li tkun emanat dak l-ordni). Issa, fil-kaz in dizamina jirrizulta li wara t-28 ta' Jannar 2007 inghataw, fl-atti tal-ittra 86/2006, diversi digrieti, fosthom dawk tat-30 ta' Jannar 2007, tas-7 ta' Frar 2007 u tat-12 ta' Frar 2007. Il-qorti li tat dawn id-digrieti kellha, qabel xejn, tassigura ruhha li l-kawza fil-kontenzjuz, awtorizzata bid-digriet tat-28 ta' Novembru 2006, kienet infethet, biex b'hekk ikun sodisfatt il-vot tas-subregola (13) tar-regola 4 tal-A.L. 397/2003 li jezigi li jkunu bdew, wara l-proceduri ta' konciljazzjoni jew medjazzjoni, il-"pre-trial or trial stages" fil-kontenzjuz. F'dan is-sens, ghalhekk, u fit-termini kif hawn fuq spjegat, l-appellant ghandu ragun dwar dana l-ilment."*

Din il-Qorti tqis li s-sentenza kwotata mill-konvenuta kienet titratta l-effetti ta' l-artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull wieħed mill-konjuġi li qabel jinbdew il-proċeduri ta' separazzjoni personali, issir talba għall-ħlas ta' manteniment pendente lite u digriet biex jiġi stabbilit min mill-partijiet għandu jibqa' jgħix fid-dar matrimonjali. Rikors li skond is-subinciz tnejn (2) għandu jigi appuntat għas-smiegħ u jiġi notifikat lill-kontroparti. Wara li l-Qorti tisma' lill-partijiet għandha tagħti digriet fuq it-talba (Artikolu 37[3]). Imbagħad l-Artikolu 37(5) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) jipprovdi:-

*"Id-digriet imsemmi fis-subartikolu (3) ma jibqax ezegwibbli jekk l-azzjoni ghas-separazzjoni li ghaliha jinghata permess ma tinbedix fi zmien xahrejn mid-data tad-digriet jew f'dak iz-zmien itwal li tista' taghti l-qorti fl-istess digriet jew f'digriet iehor wara".*

Kien f' dan l-isfond li kemm l-ewwel Qorti u kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell għamluha ċara li l-artikolu 37(5) tal-Kap 16 qiegħed jittratta biss kwistjoni ta' eżekuzzjoni tad-digriet u li dan ma jfissirx b'daqshekk li bid-dekors tax-xahrejn stipulati fl-Artikolu 37(5) l-ordni tal-Qorti titħassar *ipso jure.* In fatti, l-ewwel Qorti kienet spjegat li jekk per eżempju bid-digriet ikun ġie ordnat li *pendente lite* l-mara għandha tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali u saż-żmien xahrejn mid-data tad-digriet ir-raġel ma jkunx għadu ġie żgumbrat mid-dar, il-mara ma tkunx tista' teżegwixxi it-titolu eżekuttiv (li f'dan il-każ ikun id-digriet mogħti mill-Qorti) billi titlob il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament fil-konfront ta' żewġha. Għalhekk id-digriet mogħti mill-Qorti fuq rikors magħmul skond l-Artikolu 37(2) hu titolu eżekuttiv, u bħala tali jista' jiġi eżegwit bħal kull titolu eżekuttiv

ieħor. L-effett li dan it-tip ta' digriet hu kwalifikat bħala titolu eżekuttiv ifisser li l-parti li favur tagħha ngħata d-digriet tkun tista' titlob il-ħruġ ta' wieħed mill-atti eżekuttivi kontemplati fl-Artikolu 273 tal-Kap. 12. Għalhekk f'dik is-sentenza kkwotata, ġie konkluż li fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili, mal-egħluq tax-xahrejn ma jfissirx li dak id-digriet jitlef il-validita' jew isir null imma ma jibqax titolu eżekuttiv.

Fil-każ odjern, ma hemmx sitwazzjoni fejn ġie nvokat jew japplika l-artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili. Hawnhekk ġie nvokat l-artikolu 10(1) tal-Avviż Legali 397/2003. In fatti, il-proċedura ta' l-ittra bin-numru 24/2015 saret in vista ta' dak li jistipola ir-regolament 9 u 10 ta' l-istess avviż legali li jgħid:

*9 (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom jew (b) manteniment bejn il-konjugi jew (c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali jew (d)tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni.*

*(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.*

*(3) Il-medjatur ghandu jimmedja bejn il-partijiet sabiex iwassalhom ghal ftehim dwar il-kwistjoni ta' bejniethom u d-disposizzjonijiet tal-paragrafi (6) u (7) tar-regolament 4 ghandhom japplikaw ghall-process ta' medjazzjoni.*

*(4) Meta l-partijiet jaslu ghal ftehim, dan ghandu jigi registrat bil-miktub u jigi nserit fl-atti tal-proceduri, li mbaghad ghandhom jintbaghtu mill-medjatur lill-Qorti, li ghandha kemm-il darba ma jkun hemm xejn kuntrarju ghall-ordni pubbliku, taghti digriet fuq il-kwistjoni.*

*(5) Meta l-partijiet ma jaslux ghal ftehim, il-medjatur ghandu jinforma lill-Qorti b'dan.*

*(6) Matul il-medjazzjoni kull wahda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti ghall-hrug' ta' kull ordni provvizorju jew il-hrug ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jew taghha.*

*10.(1) Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux ghal ftehim wara l-process tal-medjazzjoni taht ir-regolament precedenti, hija ghandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jigi moghti ghal raguni gravi.*

*(2) Meta tinbeda l-kawża u malli jagħlqu l-proceduri bil-miktub, il-Qorti għandha tgħaddi biex taħtar avukat tat-tfal meta fil-fehma tagħha dan ikun meħtieġ fl-aħjar interess tat-tfal taħt l-eta' tal-konjugi, u f'dan l-istadju l-Qorti għandha tiffissa żmien li fih il-partijiet għandhom iressqu kull prova dokumentarja in sostenn tal-każ tagħhom u jġibu lil dawk ix-xhieda li x-xiehda tagħhom ma tistax tingħata permezz ta' affidavit.*

*(3) Iż-żmien ta' qabel is-smigħ jagħlaq meta jkunu ngiebu d-dokumenti kollha u kull prova oħra tal-partijiet, jew meta jkun skada ż-żmien li fih dawn kellhom hekk jingiebu. Matul dak il-perjodu l-Qorti tista' wkoll taħtar lil dawk l-esperti li tista' tqis li jkunu meħtiega sabiex jassistuha.*

*(4) Ħlief għal raġunijiet gravi u serji li l-Qorti għandha tindika x'inhuma, iż-żmien ta' qabel is-smigħ ma għandux itul iżjed minn sena wara l-għeluq tal-proceduri bil-miktub.*

*(5) Matul iż-żmien ta' qabel is-smigħ u sakemm tgħaddi biex tagħti s-sentenża tagħha, il-Qorti tista' wara li tintalab hekk tagħmel minn parti jew oħra, tagħti dawk l-ordnijiet provviżorji skond ma tista'tqis li jkun meħtieġ, u tista' wkoll bl-istess mod meta jkun hekk meħtieġ minħabba f'raġunijiet gravi jew bidla fic-cirkostanżi, tibdel jew tirrevoka dawk l-ordnijiet.*

*(6) Wara l-għeluq ta' l-stadju qabel il-kawża proprja, l-imħallef għandu jistabbilixxi d-data għal meta jkun se jsir is-smigħ li matulu l-avukati tal-konjugi u l-avukati tat-tfal, li setgħu gew maħtura, jkunu ser jagħmlu s-sottomissjonijiet u kontro-sottomissjonijiet tagħhom, u l-Qorti għandha tgħaddi biex tiddeciedi fuq il-punti kollha in kwistjoni.*

Għalhekk, din il-Qorti tqis li dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Schembri vs Schembri ma japplikax għal każ odjern peress li hawn non si tratta dwar kif għandu jiġi interpretat l-artikolu 37(5) tal-Kap 16.

Din il-Qorti għandha sitwazzjoni quddiemha fejn irriżulta li ngħata digriet mill-Qorti tal-Familja u sussegwentement, ma ġiet mressqa l-ebda kawża fil-kontenzjuz mill-ebda wieħed mill-partijiet. Il-pendenzi li hemm bejn il-partijiet huma kawżi fuq merti oħra u mhux relatati ma' din li għandha quddiemha din il-Qorti. Irriżulta wkoll li r-rikorrenti immedjatament ħa azzjoni u in fatti, sitt xhur wara li skada t-terminu ta' xahrejn, u ċioe' fl-20 ta' Settembru 2016 saret din il-kawża. Fil-mori ta' din il-kawża, irriżulta wkoll li l-konvenuta ngħatat appartament mill-Awtorita' tad-Djar u qed tgħix ħo fih. In fatti, Andrew Xuereb in rappreżentanza tal-Housing Authority ikkonferma li Cini ngħatat appartament b' kera sussidjata.

Din il-Qorti tissottolinja wkoll li l-istess Francene Cini meta fil-15 ta' Jannar 2020 ġiet mistoqsija minn din il-Qorti dwar il-posizzjoni tagħha fir-rigward ta' rikors tal-attur tal-10 ta' Settembru 2010 fejn kien qed jintalab li jiġi awtorizzat jixhed rappreżentant tal-

Housing Authority, hija kienet ivverbalizzat fis-sens li hija ma għandhiex oġġezzjoni għal tali talba u spjegat li hija l-interess tagħha li titlaq mid-dar u tieħu s-sehem tagħha tad-dar fi flus.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-fatti, din il-Qorti tqis li llum il-ġurnata, id-digriet mogħti fl-20 ta' April 2015 tilef l-effett tiegħu u per konsegwenza, Francene Cini ma għandhiex titolu validu fil-liġi sabiex tokkupa dan il-fond in kwistjoni.

**Decide**

**Għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta filwaqt li għar-rigward tat-tieni talba, tiffissa terminu perentorju ta' xahrejn sabiex l-istess konvenuta tiżgombra mill-fond Flat 2, Port Mansion, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Għawdex.**

**Tordna li l-ispejjeż relattivi għal din il-kawża għandhom jiġu sopportati mill-konvenuta.**

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

13.01.2021 – Sup75.2016 – Zammit Domenic vs Cini Francene
3431